MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 1/2007

George u Margaret konjugi Vella

vs

Victor Camilleri

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat mill-atturi fit-8 ta’ Jannar 2007 li permezz tieghu ppremettew li:

Huma juzaw is-servizzi tal-konvenut sabiex jiehu hsieb l-investiment finanzjarji taghhom.

Il-konvenut iffrodahom u immisaproprija flus ossia titoli li jirraprezentaw flus li kienu ta’ l-atturi fl-ammont ta’ sebat elef u erba’ mitt (Lm7,400) lira sterlina ekwivalenti skond il-*middle rate* tal-kambju applikabbli fid-data ta’ dan ir-

rikors fl-ammont ta' erbat elef seba' mija u wiehed liri Maltin u centezmu (Lm4,701.01).

Illi dawn il-flus nteffghu f'but il-konvenut wara li holoq diversi dokumenti u firem foloz, u raggiri kriminali ohra kif jigi pruvat waqt is-smigh tal-kawza.

Minkejja li l-konvenut weghed kemm-il darba li ser ihallas l-ammont dovut baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-atturi gew frodati mill-konvenut fis-somma fuq imsemmija liema flus gew misapproprijati mill-konvenut.
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma.
3. Tikkundanna likll-konvenut ihallas l-imghax skond il-ligi mid-data ta' l-allegat frodi/misapproprijazzjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Permezz ta' risposta przentata fl-4 ta' Gunju 2007 (fo. 13) il-konvenut wiegeb li:

1. It-talbiet tal-atturi konjugi Vella huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li huma msejsa fuq allegazzjonijiet inveritiera u m'ghandu jaghti xejn lill-konjugi Vella.
2. Il-konvenut kien inkarigat diversi drabi mill-atturi sabiex jiehu hsieb l-affarijiet finanzjarji taghhom u ta' wliedhom u hu qatt ma thallas ta' xogholu u issa dawn qed jippretendu li ghandhom jiehdu l-ammont reklamat minn ghandu meta dan m'huwiex dovut.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Fis-seduta tas-27 ta' April 2007 deher il-konvenut (fol. 12) u ddikjara li *"….qieghed jopponi t-talba ta' l-atturi stante li l-flus li ghaddewlu l-atturi ma kellux jirritornahom lura lilhom. Il-konvenut spjega ukoll illi llum m'huwiex f'posizzjoni jiddikjara bl-ezatt l-ammont li rcieva minghand l-atturi, pero' bejn wiehed u iehor hija cifra vicin is-somma ta' erbat elef seba' mija u wiehed liri Maltin (Lm4,701)*".

2. Min-naha taghhom l-atturi spjegaw kif:-

(a) Mis-sena 2001 il-konvenut kien jiehu hsieb l-interessi finanzjarji taghhom;
(b) Kellhom investiment man-National Savings Bank of Glasgow fir-Renju Unit sa mis-sena 1980 li fuq medda ta' ghoxrin sena (bl-imghax) awmenta ghas-somma ta' sebat elef u erbgha mitt lira sterlina (£7,400).
(c) Fuq parir tal-konvenut kienu baghatu korrispendenza sabiex il-flus depozitati f'dan il-kont jigu trasferiti fl-Abbey National Bank fl-Ingilterra.
(d) Ircevew ic-cekk minghand in-National Savings Bank of Glasgow u l-konvenut talab lill-attrici sabiex taghtih lilu biex jibaghatu ghand l-Abbey National Bank fl-Ingilterra biex jinfetah il-kont. L-attrici hekk ghamlet.
(e) Xi zmien wara kien ghaddielhom ittra datata 10 ta' Ottubru 2002 iffirmat minn certu Steve Greenwood li tghid li fl-flus gew depozitati fl-imsemmi bank (ara dokument a fol. 21).
(f) Il-konvenut talab lill-atturi sabiex jiffirmaw ittra li hejja (datat 26 ta' Ottubru 2002) [fol. 22]. F'din l-ittra jinghad li l-konjugi Vella kienu rcevew l-ittra datata 10 ta' Ottubru 2002 (Dok. MV3 a fol. 21) u *"….therefore I will now be waiting for a Pass Book in the near future"*.
(g) Pero' l-atturi baqghu ma rcevewx il-ktieb tal-bank u bdew jinkwetaw. L-attrici ghalhekk regghet kellmet lill-konvenut li rega' kitbilhom ittra datata 29 ta' Marzu 2003 (fol. 23) u fiha gharraf lil Abbey National Bank li kienu ghadhom ma rcevewx il-Pass Book. Ittra li fuq l-insistenza ta' l-attrici baghatitha hi.
(h) It-twegiba inghatat permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju 2003 (fol. 24) li biha Abbey National Bank gharraf lill-atturi li *"….I have not been able to trace any*

*accounts for you. Therefore, I would be extremely grateful if you could confirm your account number as soon as possible"* (fol. 24).
(i) Wara giet skambjata korrispondenza bejn l-atturi u l-bank li ma tat l-ebda frott u l-atturi baqghu minghajr sodisfazzjon.

3. F'dawn il-proceduri l-konvenut ghazel li ma jixhedx u wisq inqas iressaq provi. Fic-cirkostanzi l-Qorti ghandha biss il-verzjoni moghtija mill-atturi. Hemm ukoll ix-xhieda tal-avukat Dr. Kevin Mompalao (difensur ta' l-atturi) li kkonferma li hu kien personalment tkellem mal-konvenut fir-rigward ta' din il-kwistjoni meta *"….. gie l-ufficcju tieghi fejn wara li spjegajtlu l-inkwiet ta' Maragaret Vella huwa ammetta mieghi li dawk il-flus kien zammhom hu u li kien se jara kif jaghmel biex jirritornahom lura. Kien qalli li ghandu problemi finanzjarji serji u ma kienx komdu ghalih illi ihallashom f'daqqa…… Sussegwentement pero Victor Camilleri qatt ma rega' ghamel kuntatt mieghi u minkejja illi jiena pruvajt naghmel kuntatt mieghu anke tramite wiehed minn uliedu illi huwa habib tieghi xorta wahda ma hadt l-ebda risposta min ghandu"* (fol. 32). In kontro-ezami (seduta tas-27 ta' Lulju 2007) xehed: *"Victor Camilleri lili kien qalli meta l-ewwel darba kellimtu, illi kien sab ruhu daharu mal-hajt ghaliex kellu xi dejn u l-flus kien uzahom ghal dan l-iskop"*. Hemm ukoll ix-xhieda ta' bint l-atturi (Marcon Hili) li ddikjarat li *"kont anke kellimt jien personalment lil Victor Camilleri u dan dejjem ammetta mieghi illi l-flus kien tefaghhom f'butu pero li kien lest illi jirritornahom lura lil mama. Minkejja diversi tentattivi li saru naf li l-mama' ghadha minghajr flus"* (fol. 31).

4. Mill-provi mhux kontradetti hu evidenti li l-konvenut hu pjenament responsabbli ghall-agir li qieghed jigi attribwit lilu mill-atturi. Dak li l-ddikjara l-konvenut fis-seduta tas-27 ta' April 2004, cjoe' li l-flus li ghaddewlu l-atturi ma kellux jirritornahom m'huwiex veru. L-inkarigu moghti lilu kien sabiex jiftah kont mal-Abbey National. F'dawn il-proceduri l-konvenut ghazel it-triq tas-silenzju u ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' x'ghamel u m'ghamilx bil-

flus. Il-Qorti temmen li l-konvenut verament dahak bl-atturi u li l-ittra datata 10 ta' Ottubru 2002 (fol. 21) hi falza u li l-flus uzahom ghal skop differenti minn dak li qalulu l-atturi. Din l-ittra suppost qeghda taghti avviz lill-atturi li kien infetah f'isem kont mal-bank Abbey National ghas-somma fuq imsemmija u hemm indikat numru ta' kont bankarju. Anke mad-daqqa ta' ghajn jidher bic-car li din l-ittra m'hijiex miktuba fuq *letterhead* tal-bank tal-Abbey National (ara ittri ta' Abbey National a fol. 24, 25, 26, u 28). Fir-cirkostanzi l-Qorti tqies li gie sodisfacentement ippruvat mill-atturi li l-konvenut qarraq bihom u li mmizapproprja[1] l-flus li gew moghtija lilu sabiex ghan-nom taghhom jiftah kont mal-bank Abbey National. Certament li l-konvenut kiser il-fudicja li tawh l-atturi sabiex jinvesti l-flus taghhom f'kont fil-bank Abbey National. Minflok hares l-interessi tal-atturi fittex l-interessi personali tieghu u ghamel uzu minn flus ta' haddiehor.

5. Ghal dak li jikkoncerna t-tieni eccezzjoni l-attur ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja dak li qieghed jigi allegat u ghalhekk din ser tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut u filwaqt li tilqa' t-talbiet kollha attrici tikkundanna lill-konvenut ihallas lura lill-atturi s-somma ta' erbat elef sebgha mija u wiehed liri Maltin u centezmu (Lm4,701.01). Ghal finijiet tat-tielet talba tal-atturi li qeghda tigi milqugha wkoll, l-imghax ghandu jiddekorri mill-10 ta' Ottubru 2002 in lineja ta' danni (id-data tal-ittra

[1] Dwar aproprijazzjoni indebita, *"Trattandosi di somme di denaro,"* jispjega Luigi Majno, *"l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; **la negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione**; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario."* (*Commento al Codice Penale Italiano*, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105). Dan il-bran gie citat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr. Siefried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003 tant li l-Qorti ddikjara li *"ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita…."*.

fol. 21. li fil-fehma tal-Qorti hi falza u l-iktar data qrib li mill-provi jidher li l-konvenut kiser il-fiducja moghtija lilu mill-atturi).

Spejjez huma kollha a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------